Kunsill Lokali L-GĦASRI Local Council

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri**

**Is-Seba' Leġislatura**

## Laqgħa Nru. 74

Il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:30 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 74.1 Xogħol ta' servizzi tad-drenaġġ fi Triq il-Gonna

**74.1.01** Is-Segretarju Eżekuttiva spjegat ir-raġuni għaliex issejħet din il-laqgħa b'urġenza. Il-Kuntrattur li qed jaħdem fi Triq il-Gonna b'xogħol ta' resurfacing talab risposta sa nhar it-Tnejn filgħodu.

**74.2.02** Waqt li għaddej ix-xogħol fi Triq il-Ġonna kien hemm sidien ta' propjetajiet li talbu li jiġu nstallati servizzi ġodda tad-drenaġġ għas-spejjez tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Kunsill ħalli t-triq ma titqattax wara li tkun tlestiet. Il-Kunsilliera l-oħra ma qablux li dawn l-ispejjes għandhom jitħallsu mill-Kunsill (peress li dawn huma servizzi ġodda u mhux għax sar xi ħsara waqt li kien għaddej ix-xogħol). Is-Segretarja talbet stima mingħand il-kuntrattur sabiex is-sidien ikunu jafu xi spejjes jista' jkollhom. Jekk ix-xogħol isir preżentament waqt li t-toroq huma miftuhin u l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-wiċċ tat-triq l-ispiża tkun ta' madwar €350. Jekk jiġu nstallati servizzi ġodda wara li tkun tlestiet it-triq jkun hemm spejjeż ta' madwar €1000 il-wieħed. Il-Kunsilliera nnotaw li s-sidien kienu ser jiffrankaw l'fuq minn €600.

**74.2.03** Il-Kunsilliera ħadu vot dwar jekk għandux il-Kunsill iħallas għal dawn is-servizzi ġodda. Is-Sindku astjena mill-vottazzjoni. Il-kunsilliera kollha l-oħra vvotaw kontra. Għalhekk il-Kunsill m'għandux jidħol fi spejjez ta' servizzi ġodda ta' drenaġġ fi Triq il-Gonna.

**74.2.04** Il-laqgħa ntemmet f-8:00 p.m.

Konfermati, il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2018

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |